**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 22 ta' Lulju, 2016

**Il-Pulizija**

**(Spettur Edel Mary Camilleri)**

**-vs-**

**Mario Grima detentur tal-Karta ta' l-Identita' numru 698555M:**

**Kumpilazzjoni Nru. 727/03**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Mario Grima u ċioè:

1. Fl-24 ta' Settembru, 2003 u f'dati preċedenti, f'San Ġiljan u fi bnadi oħra f'dawn il-gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żmienijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda, iffalsifika jew biddel, mingħajr il-kunsens tas-sid, l-ismijiet, il-marki jew sinjali distintivi tax-xogħol tal-moħħ jew prodott ta' industrija jew manifattura, jew xjentement għamel użu ta' sinjali, tabelli jew emblemi li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija, jew bejgħ tali merkanzija jew xjentement qiegħed fiċ-ċirkolazzjoni, biegħ jew zamm għandu għal bejgħ jew importa għal ħsieb ta' kummerċ, merkanzija b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq u ċioè basktijiet, żraben u aċċessorji bil-marka Louis Vuitton foloz u dan bi ksur tal-Artikolu 298(1)(a)(b)(c) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Bi qligħ jew bi skop ta' kummerċ stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bil-ksur tal-jeddijiet li joħorġu mid-drittijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra protetti bil-/jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur tal-artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

3. Bi qligħ jew bi skop ta' kummerċ stampa, immanifattura, idduplika jew mod ieħor irriproduċa jew ikkopja, jew biegħ, qassam, jew mod ieħor offra għal bejgħ jew biex jitqassam minn post jew minn ġewwa post li huwa kopert b'liċenzja, jew bħala parti minn attività koperta b'tali liċenzja, xi artikolu jew xi ħaġa oħra bi ksur tal-jeddijiet li joħorġu mill-jeddijiet tal-awtur li jkollha persuna oħra u protetti bil-/jew taħt il-Liġi ta' Malta u dan bi ksur tal-Avviż Legali 120 tal-1992.

4. Aġixxa xi attività kummerċjali minn post kummerċjali mingħajr liċenzja minn persuna li tkun qed twettaq xi attività kummerċjali bis-saħħa ta' liċenzja u ta' dik l-attività kummerċjali u dan bi ksur tal-artikolu 31 tal-Kap 441 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandu l-ebda oggezzjoni biex il-kaz jigi hekk trattat.

Rat l-imputat fis-seduta tallum, irregistra ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li sehhew f' Settembru 2003, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, inzammet nhar il-5 ta' Lulju, 2016.

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnhu ammessi.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat kif ukoll tal-fedina penali tieghu. Ma jistax ma jittiehidx kont tal-fatt li dawn il-proceduri jirrisalu ghal 2003.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17, 31, 298(1)(a)(b)(c)(f), 298B tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 41 tal- Att dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ, Kapitolu 441 ta' l-Ligijiet ta' Malta kif ukoll tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar il-Licenzi tal-Pulizija u l-Protezzjoni tad-Drittijiet ta' l-Awtur, (Avviz Legali 120 tal-1992; L.S. 128.03), fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu izda bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 ta' l-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk iwettaq reati ohra waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

Finalment il-Qorti qed tordna il-konfiska tal-*counterfeit items* kollha esebiti f'dawn l-atti u tordna lir-Registraur tal-Qorti sabiex ighaddi ghad-distruzzjoni ta' l-istess.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**